**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETIN** **23ta' AWWISSSU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri ma setgħax jattendi.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **30.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 30.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba x-xogħol tiegħu. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija. |
| | | |
| **30.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 30.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***30.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-MINUTI TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 30.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 38. |
| | | |
| 30.3.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali żgħażagħ, numru 30. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***30.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/GAL XLOKK/MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIŻMU*** |
| | | |
| 30.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Kultura u Turiżmu numru 12.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato fakkar lill-Kunsill li ser issir l-*end of summer concert* fil-bitħa tal-iskola. Hemm bżonn li jinxtraw affarijiet għall-bibita żgħira, sound u dawl, siġġijiet u posters. Ser issir fit-22 ta' Settembru, 2017.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fil-laqgħa numru 11, kien hemm qbil li jinxtara timpani li bħalissa biex jinkera l-Kunsill qed iħallas 200Euro kull darba. Dawn it-timpani jiswew aktar minn 4,000Euro u jkunu tal-Kunsill.<br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li din il-kwistjoni ġiet mitkelma waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Owen Bonnici, li kien lest li jgħin lill-Kunsill fil-kwistjoni.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li qed tkun diffiċli li jinkrew minħabba d-delikatezza tagħhom. Hu qal li dan hu investiment għall-Kunsill u jkun hemm bżonn li tinħareġ tender.<br>Kien hemm qbil li l-fondi jittieħdu mill- kont tal-mitħna tax-Xarolla u xorta il-każ jiġi diskuss waqt il-laqgħa mal-Onorevoli Owen Bonnici. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***30.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 30.5.1 | | Is-Sindku ssuġġerixxa biex isir passju fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Kien hemm qbil fuq dan u qbil li isir manutenzjoni tal-istess ġnien. |
| | | |
| 30.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-apparat/amara kollha li kellha l-kumpanija TCTC f'Dar Mattia Preti, ittieħdet mill-kumpanija stess fil-ġimgħat li għaddew. TCTC kienet installat aircondition għall-ammont ta' 1,200 Euro, li s'issa għadu instalat fil-post. TCTC qed tistaqsi lill-Kunsill li jekk irid li l-AC jibqa installat u jkun propjeta' tal-Kunsill, il-ħlas tiegħu hu 737Euro, filwaqt li jekk il-Kunsill mhux interessat li jżommu, jkun mitlub li jħallas 75Euro biex jiġi mneħħi.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill iżomm tali AC u jitħallas l-ammont mitlub. |
| | | |
| 30.5.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet stima ta' kumpanija Holistic Institute of Technologies biex tibda tagħmel korsijiet baiżiku tal-computer f'Dar Mattia Preti.<br>L-istima hi ta' 375Euro għal minimu ta' 5 studenti li jinkludi l-użu ta' lap top li tipprovdi l-istess kumpanija.<br><br>Kien hemm qbil fuq il-prinċipju, imma li jinġabru stimi oħra sa laqgħa oħra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 30.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tiġdied tal-polza tal-assigurazzjoni li tinvolvi l-bini, apparat elettroniku, l-impjegati u l-inċidenti.<br>Kien hemm qbil li tali polza tkun imġedda. |
| | | |
| 30.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet komunikat mingħand avukat li kiteb għan-nom ta' resident li joqgħod fi Triq il-Wied (faċċata tal-parkeġġ tal-belle veder). Dan qed joġġezzjona għall-van/kiosk li jbiegħ il-ġelati fl-akwata, minħabba l-ħsejjes tal-generator u l-emmissjonijiet li joħroġ. Ir-resident jixtieq li l-Kunsill ma jagħtix permess biex tali van jipparkja f'dan il-parkeġġ.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lura fis-sens li l-Kunsill ma jidħolx fil-permessi ta' hawlkers. |
| | | |
| 30.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet komunikat li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq id-diffikultajiet finanzjarji li jsibu l-Kunsilli Lokali.<br>Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill m'għandux djun, dan il-komunikat ma jiġiex mwieġeb. |
| | | |
| 30.5.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand ir-Reġjun Nofsinhar biex il-laqgħa Annwali Ġenerali tinzamm fil-lokalita' taż-Żurrieq, fejn issemma d-Day Centre bħala sit.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta tkellmet mad-diriġenti tad-Day Centre, qalu li ma jsibux oġġezzjoni għal dan.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li ssir fis-sala tal-iskola. Kien hemm qbil li tiġi kkuntatjata s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun biex tikkordina l-laqgħa. |
| | | |
| 30.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment mill-Kap tal-Iskola fuq il-kors li għaddej 'Chatter box' fis-sala tal-iskola/Kunsill. Il-Kap tal-iskola ħassu urtat ħafna li l-Kunsill ma avżahx u ma ħax permess li tali korsijiet ser isiru fil-propjeta' li hu jinsab inkarigat minnha. Hu mhux qed jaċċetta li tali kors privat ikompli jsir ġol-iskola. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil min qed jorganizza l-kors biex ma tibqax tuża s-sala u għall-aħħar żewġ korsijiet li fadal tuża l-librerija, għalkemm il-Kap tal-iskola kien kontra din ukoll. Imma ġaladarba l-Kunsill kien laħaq ikkommetta ruħu mal-persuni, ma kienx ser ikun ġust ma dawk li ħallsu. Fadal biss żewġ lezzjonijiet sal-aħħar ta' Awwissu. Kien ser jibda kors ieħor minn Ottubru sa Diċembru, imma s-Segretarju Eżekuttiv waqfet li taċċetta *bookings* għalissa, sakemm tissolva din il-kwistjoni.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li s-sala m'għandiex tintuża minn nies oħra waqt li jkun hemm l-istrumenti tal-orkestra.<br>Kien hemm qbil li s-Sindku jkellmu hu lill-Kap tal-Iskola, biex jiċċara l-affarijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| 30.5.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li għamlet il-Pink Campaign biex fl-okkażjoni ta' tal-*breast cancer campaign* il-Kunsill jixgħel post b'dawl roża. Kien hemm qbil li tinxtgħel il-Mitħna tax-Xarolla għall-okkażjoni. |
| | | |
| 30.5.10 | | Is-Sindku qal li organizzazzjoni 'We care for the environment' tixtieq torganizza attivita' biex tippromovi vetturi li jaħdmu bid-dawl.<br>Kien hemm qbil li ssir l-attivita'. |
| | | |
| 30.5.11 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li sar fuq il-manutenzjoni li hemm bżonn fi Triq il-Wied sal-belle veder. Kien hemm qbil li dan il-punt jitressaq waqt il-laqgħa mal-Onorevoli Owen Bonnici. Jekk ma jkunx hemm għajnuna ġie ssuġġeriet li jingħalqu kompletament.<br><br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:00. |
| | | |
| 30.5.12 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia tkellmet fuq l-Inizjattiva finanzjarja favur il komunita' – Librerija Cirkulari 22/17.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stima ta' Aircondition 30BTU li jammonta għal- 1,600Euro li jkun eżatt l-ammont li l-Kunsill irid jonfoq, minħabba li b'din l-inizjattiva l-Kunsill ser jieħu 800Euro (nofs l-ammont minfuq). Kien hemm qbil li jinxtraw żewġ airconditions ta' 24BTU minflok. |
| | | |
| 30.5.13 | | Is-Sindku qal li l-HSBC issuġġerew li jnaddfu xi post fiż-Żurrieq u s-Sindku qal li ser inaddfu l-librerija u l-ixkafef tagħha. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***30.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 30.6.1 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li hemm bżonn li tintbagħat ittra lir-resident li joqgħod viċin St Agatha Complex biex tinżabar siġra li ħierġa ħafna 'l barra, għal fuq il-bankina. |
| | | |
| 30.6.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li hemm bżonn li fi Triq id-Dejqa k/m Triq il-Barrieri jsiru *double yellow lines* minħabba li t-trasport tat-tfal tal-iskola ma jkunx jista jgħaddi meta jkun hemm vetturi ipparkjati fil-kantuniera. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 30.6.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li resident ġibidlu l-attenzjoni li fi Triq P P Saydon viċin il-ħanut tal-pastizzi, taħt il-bankina hemm ħanek magħmul minn *stenciled paved* u waqa xi ħadd fih. Il-Kunsill ġie mitlub li jitneħħa.<br><br>Kien hemm qbil li jithalla kollox kif inhu preżentament biex ma tinqalax triq sħiħa. |
| | | |
| 30.6.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikteb lill-Wasteserv u jitlob spjegazzjoni ta' x'tip ta' riabilitazzjoni ser issir fuq il-miżbla. Kien hemm qbil li ukoll li nitolbu biex il-Kunsill ikun ikkonsultat |

| | | |
|---|---|---|
| | | bla – xi tfisser riabilitazzjoni, xser isir, ghalix ma gejniex ikkonsultati u nixtiequ inkunu nafu xinhu. Barraminnhekk ninfurmaw li qed jerġa jkun hemm riħa ta' ħruq. |
| | | |
| 30.6.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikteb lill-Onorevoli Ministru Jose Herrera u jitlob spjegazzjoni fuq il-kwistjoni tal-*public domain* fir-rigward ta' Wied Babu. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li l-ligi kull ma qed tgħid hi, li hemm ċerti propjetajiet li jekk xi ħadd irid jirreġistrhom jista jagħmel dan, filwaqt li juru dokumentazzjoni tat-titlu tal-akwist. |
| | | |
| | | |
| ***30.7*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 30.7.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fejn il-Bronze bar hemm il-bankina tiżloq ħafna u hemm bzonn li jsirilha xi ħaġa biex ma jiżolqux nies fiha.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 30.7.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici talab biex jiġu nstallatil bicycle racks f'Tal-Bebbux u fejn il-grawnd tal-football il-kbir. Kien hemm qbil fuq dan wara li jinġibu stimi tagħhom. |
| | | |
| **30.8.1** | | ***Ġemellaġġ – Pedara*** |
| | | |
| 30.8.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla, qal li fir-rigward tal-ġemellaġ ma' Pedara fi Sqallija jinsab kollox ikkonfermat, kemm il-biljetti tal-ajru, lukanda u trasport. Il-Kunsill ħallas għad-deposit u fi ftit ġranet oħra jikkonkludi l-pagamenti. Ġew ordnati l-parċmini u plakka kommemmorattiva. Sar il-programm u l-laqgħa mar-residenti li ser jitilgħu għall-okkażjoni. |
| | | |
| | | |
| ***30.9*** | | ***Funtana Vjal il-Blue Grotto*** |
| | | |
| 30.9.1 | | Is-Sindku qal li l-Kunsill hemm bżonn li jressaq dan il-proġett fil-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **30.10** | | ***Data tal-Għeluq tas-Sejħiet għall-offerti*** |
| | | |
| 30.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-data tal-għeluq tal-offerti ser tkun il-15 ta' Settembru, 2017.<br>Dawn huma :<br>• Supply of Printing Material<br>• Supply of L/heads, Complimentary slips, envelopes, business cards and Rec.books.<br><br>Tender tal-patching data tal-għeluq hi 29 ta' Settembru, 2017. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***30.11.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 30.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€46,867.55**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard. |
| | | |
| ***30.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 30.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27ta' Settembru, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 27 ta' Settembru, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**